MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2011

Numru 190/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Pillow**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Pillow bhala Managing Director ta' Pillow Frames Ltd. Corradino Industrial Estate Paola fejn gie akkuzat:

Talli fid-29 t'Awissu, 1994 u qabel din id-data naqas li jizgura li fuq il-post tax-xoghol responsabbilta` tieghu jittiehdu mizuri u prekawzjonijiet kollha biex (a) kull post tax-xoghol ikun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-sigurta, (b) jippreveni kull disgrazzja, korrimenti u mard industrijali, (c) l-ambjent tax-xoghol ikun favorevoli ghas-sahha u hieles minn dak li jiikkaguna tensjoni fizika jew

psikologika, (d) jizgura, b'mod prattiku u ragonevoli, is-sahha, skansar u hsieb generali fuq ix-xoghol ta' l-impjegati kollha tieghu, (e) jara fejn hemm il-perikli li jkollhom x'jaqsmu ma xi process tax-xoghol jew ma xi sustanza, (f) jaghti dak it-taghrif, taghlim, tahrig u supervizjoni, biex jevita l-periklu fuq il-post tax-xoghol, (g) izomm il-post tax-xoghol taht il-kontroll sew biex dan jinzamm f'kundizzjoni fejn ma jkunx hemm periklu u riskji ghas-sahha u jipprovdi u jzomm sew moghdijiet ta' dhul u hrug mill-post li jkun minghajr periklu u minghajr riskji ghas-sahha, liema nuqqasijiet wasslu ghal korriment fuq ix-xoghol ta' Mario Philip Galea fid-29 ta' Awissu 1994, waqt li kien qed jahdem f'fabbrika gdida f'ta' Taflija, limiti tax-Xewkija Ghawdex u dan bi ksur ta' l-artikli 2, 8, u 18 u paragrafu 48 tal-A.L. 52/86, (h) jizgura b'mod ragjonevoli u prattiku, li persuni li ma jkunux impjegati mieghu izda li jistghu jintlaqtu minn xoghol tieghu, ma ghandhom ikunu b'ebda mod esposti ghal riskji f'sahhithom jew ghas-sigurta` taghhom u dan bi ksur ta' Para 49 u 51 tal-A.L.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta' Marzu, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Martin Pillow hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 2, 8, 48, 49 u 51 tal-AL 52/96 fis-sehh bis-sahha tal-artikolu 39 tal-Kap 434 u l-artikolu 38(3) tal-Kap 424, ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tlett elef euro (€3000).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Martin Pillow minnu prezentat fit-12 ta' April 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka ghal kollox is-sentenza appellata tat-30 ta' Marzu 2011 u wara li tisma l-provi kollha u s-sottomissjonijiet tad-difiza tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni.

**4.** Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

**5.** Il-fatti li rrizultaw mill-provi jistghu jigu riassunti kif gej:

Fid-29 ta' Awwissu 1994 ghall-habta tas-7.15 pm Mario Philip Galea korra fuq il-post tax-xoghol tieghu fil-fabbrika tas-socjeta' Magro Brothers fix-Xewkija, Victoria, Ghawdex. Mario Philip Galea kien impjegat tas-socjeta' msemmija Magro Brothers u waqa' minn fuq *scaffolding* li kien qed juza sabiex jigi immuntat *spaceframe* mis-socjeta' Pillow Space Frames Limited li kienet is-socjeta' inkarigata minn Magro Brothers sabiex jaghmlu kostruzzjoni ta' saqaf fil-fabbrika imsemmija tas-socjeta' Magro Brothers. L-imputat kien id-direttur uniku tas-socjeta' Pillow Space Frames Limited fiz-zmien tal-incident.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(1) in-nullita' tas-sentenza appellata peress illi l-artikoli citati huma zbaljati ghaliex kellhom ikunu l-artikoli tal-Avviz Legali 52/1986 u mhux l-Avviz Legali 52/1996 li ma jikkontemplawx ir-reat jew reati ipotizzati fis-sentenza.

(2) il-kumpannija Pillow Frames Ltd. imsemmija fl-att tal-akkuza hija kumpannija inezistenti u qatt ma ezistiet u hija l-kumpannija Pillow Space Frame Limited li kellha l-kuntratt ghall-bini tas-saqaf tal-fabbrika Magro Brothers u ghalhekk l-imputat ghandu jigi mehlus mill-akkuzi kollha fil-konfront tieghu.

(3) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi u nkomplet tal-ligi.

**7.** In kwantu ghall-**<u>ewwel aggravju</u>** huwa evidenti li r-riferenza ghall-avviz legali 52/1996 huwa *lapsus calami* li ma jwassalx ghas-sanzjoni estrema tan-nullita' tas-sentenza appellata[1] minkejja dak provdut fl-artikolu 382

[1] Ara Appelli Inf P v Lorenzo Attard, 25/08/2008; P v Mark Sapiano, 8/05/2006; P v Robert Sultana, 22/03/2005; P v Marbeck Cremona, 10/09/2007. Ara wkoll dwar l-effett ta' *lapsus calami* in generali: Appell Inf P v Paul Borg, 6/10/2003; P v Amanda Pace, 1/10/2003; P v Anthony Rapa, 19/09/2007; P v Carmel Dimech et, 2/11/2007; P v Charlot Aquilina, 20/05/2009; P v David Briffa, 22/04/2009; P v Emanuel Bugeja, 19/02/2004; P v Francesca Bell, 29/03/2006; P v Francis Camilleri, 25/06/2001; P v Jeffrey Savage, 1/06/2011; P v James Demanuele, 10/10/2004; P v Jeffrey J. Brincat et, 22/08/2007, u diversi ohrajn.

tal-Kodici Kriminali peress li hu wisq evidenti mis-sentenza appellata stess li l-indikazzjoni 52/19**96** hi wahda manifestament zbaljata u li l-indikazzjoni korretta li ghaliha riedet tirreferi l-ewwel Qorti kienet dik ghall-Avviz Legali 52/19**86** li effettivament hi l-indikazzjoni moghtija fil-parti preliminari tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rriproduciet l-imputazzjonijiet kontra l-imputat appellant anki ghaliex b'fatti li sehhew fl-1995, kif inhu l-kaz odjern, ma setghux inkisru dispozizzjonijiet legali promulgati fl-1996 li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-materja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

**8.** Ghar-rigward tat-**tieni aggravju**, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost id-dettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li r-responsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioe' in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali.[2] Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kien hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'[3]. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement *avviso a comparire* u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post , hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi

[2] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Art. 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310A, 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

[3] Ara Appelli Inf P v Joseph Bonnici, 26/5/1995; P v Carmel Camilleri, 5/11/2004; P v Joseph Vella, 2/02/2006

akkuzat.[4] Fil-kaz ta' Ilum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tad-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghedha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali[5]. Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti --- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

**9.** **<u>It-tielet u l-ahhar aggravju</u>** tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija ghar-reati imsemmija jistrieh fuq apprezzament divers tal-provi li skont l-appellant kellu jwassal lill-Qorti sabiex tilliberah mill-htija. Huwa ormai ben stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**10.** Sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi prodotti fl-ewwl istanza u rrizultalha dan li gej.

**11.** Fuq l-i*scaffolding* li fuqu tela' Mario Philip Galea ma kienx hemm *guard rails* jew ilqugh iehor. Galea ma kienx inghata lbies protettiv. Fuq l-i*scaffolding* kien hemm *hoist* li kien qed jintuza biex jittellghu pipes li jiznu 100 kilogramma. Il-*hoist* kellu kontra piz tal-gebel u gie armat mill-impjegati tal-imputat flimkien mal-imputat.

**12.** Mario Philip Galea kien misluf bhala *Labourer Assistant* lill-imputat minn Magro Brothers. L-armar kien

[4] Ara *inter alia* App Inf P v Joseph Vella, *supra*
[5] Ara artikolu 13 tal-Kap. 249.

tal-imputat u ghalkemm Galea kien impjegat tas-socjeta’ Magro Brothers, fid-data tal-incident huwa kien gie assenjat sabiex jassisti lill-imputat u kien qieghed jissorvelja x-xoghol tal-imputat. Fid-data tal-incident Galea kien ilu xi gimgha w nofs jassisti lill-imputat u kien jesegwixxi l-istruzzjonijiet li jaghtih l-imputat, ghalkemm kien baqa’ jithallas minn Magro Brothers. Fuq il-lant tax-xoghol kien inkarigat mill-haddiema certu Jimmy Zammit li kien impjegat mas-socjeta’ Pillow Space Frames Ltd li taghha l-imputat huwa *shareholder* u Direttur.

**13.** L-imputat xehed li x-xoghol kien taht is-sorveljanza tieghu u kien jitla’ ta’ kulljum. F’xi zmien kien jitla tlett darbiet fil-gimgha. Jahdmu ma’ Jimmy Zammit fuq il-lant tax-xoghol, apparti Mario Philip Galea kien hemm ukoll Edward Hughes, impjegat tal-imputat u xi haddiema ohra. Fosthom l-uniku impjegat ta’ Magro Brothers kien Mario Philip Galea. Edward Hughes xehed li l-mod kif gie kostruit ix-xoghol u kif jinhadem kien kollox f’idejn l-imputat Pillow.

**14.** L-ilment principali tal-appellant dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha hu fis-sens li Mario Philip Galea ma kienx awtorizzat jitla’ fuq il-*gantry* jew li jhaddem il-*winch* u ghalhekk kien hu li qabad u dahal ghal xoghol li ghalih ma kienx addestrat u li kien dan li kien il-kagun tas-sinistru. Din il-Qorti, izda, taqbel mal-ewwel Qorti li skont il-ligi l-piz tar-responsabilita’ li tigi assigurata s-sigurta’ fuq is-sit tax-xoghol kienet tal-imputat. L-imputat kien id-direttur uniku tal-Pillow Space Frames Limited li kienet is-socjeta’ inkarigata minn Magro Brothers sabiex jaghmlu l-kostruzzjoni tas-saqaf fil-fabbrika tas-socjeta’ Magro Brothers. Meta sar l-incident Mario Philip Galea kien qieghed jahdem taht l-awtorita’ tal-imputat. Kien ghalhekk jinkombi fuq l-imputat li jaccerta ruhu u jassigura li kull min ikun fuq is-sit tax-xoghol ikun awtorizzat ghal daqshekk u mharreg ghax-xoghol li jkun jaghmel.

**15.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti u ma ssib ebda raguni

ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti li anzi huma kondivizi pienament minn din il-Qorti.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9(1)(a), 9(1)(b), 9(1)(c) u 19 tal-Att ghall-Promozzjoni tas-Sahha u s-Sigurta’ fuq ix-Xoghol (gia’ Kap 367 tal-Ligijiet ta’ Malta qabel gie mhassar bl-Att XXVII tal-2000) u r-regolamenti 45(2), 49(1)(2)(3)(g)(h) u 51 tal-Avviz Legali 52/86, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata hlief li r-riferenza f’dik is-sentenza ghall-AL 52/96 ghandha tifthiem bhala riferenza ghall-AL 52/86.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------